SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

23 ta' Ottubru 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Politika agrikola komuni (PAK) – Skemi ta' appoġġ dirett – Regolament Delegat (UE) Nru 640/2014 – Artikolu 15(1) – Eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi – Applikazzjoni għal għajnuna żbaljata – Irtirar ta' tali applikazzjoni – Komunikazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti – Sanzjonijiet amministrattivi applikabbli fil-każ ta' dikjarazzjoni eċċessiva ta' erjas – Sanzjonijiet abbażi tal-Artikolu 19a tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 – Applikabbiltà ta' dan l-artikolu wara t-tħassir tar-Regolament Delegat Nru 640/2014"

Fil-Kawża C-267/24,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Administrativen sad – Varna (il-Qorti Amministrattiva ta' Varna, il-Bulgarija), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' April 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' April 2024, fil-proċedura

Kanevi Komers DS EOOD

vs

Zamestnik izpalnitelen direktor na Darzhaven fond "Zemedelie",

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn M. Condinanzi (Relatur), President tal-Awla, N. Jääskinen u R. Frendo, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Ilkova u M. Salyková, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 15 u 19a tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 181, p. 48), kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1393 tal-4 ta' Mejju 2016 (ĠU 2016, L 225, p. 41, rettifika fil-ĠU 2016, L 227, p. 5) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Delegat Nru 640/2014"), kif ukoll tal-Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Kanevi Komers DS EOOD, kumpannija rregolata mid-dritt Bulgaru, u ż-Zamestnik izpalnitelen direktor na Darzhaven fond "Zemedelie" (il-Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Fond Nazzjonali għall-Agrikoltura, il-Bulgarija) (iktar 'il quddiem id-"DFZ") dwar id-deċiżjoni ta' dan tal-aħħar li jnaqqas l-ammont tal-għajnuna finanzjarja mitluba minn Kanevi Komers DS għas-sena 2019, taħt diversi skemi ta' għajnuna u miżuri ta' pagamenti diretti skont l-erja, u li jimponi fuqha sanzjonijiet minħabba dikjarazzjonijiet eċċessivi ta' superfiċji.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013

3 Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549, rettifiki fil-ĠU 2016, L 130, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 327, p. 83), tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023 permezz tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU 2021, L 435, p. 187, rettifika fil-ĠU 2022, L 29, p. 45). Madankollu, skont l-Artikolu 104 tar-Regolament 2021/2116, l-Artikoli 59, 63, 64, 67, 68, 74 u 77 tar-Regolament Nru 1306/2013 jibqgħu japplikaw għan-nefqa mġarrba u għall-pagamenti magħmula għal skemi ta' appoġġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 7), qabel u matul is-sena kalendarja 2022. Peress li t-talba għal għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna s-sena 2019, ir-Regolament Nru 1306/2013 huwa applikabbli f'dan il-każ.

4 L-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 1306/2013, intitolat "Prinċipji ġenerali tal-verifiki", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu:

"(1) Is-sistema stabbilita mill-Istati Membri […] għandha tinkludi, ħlief fejn ikun ipprovdut xorta oħra, verifiki amministrattivi sistematiċi tal-applikazzjonijiet kollha għal għajnuna u talbiet għal pagamenti. Dik is-sistema għandha tkun issupplimentata minn verifiki fuq il-post.

[…]

(3) L-awtorità responsabbli għandha tagħmel rapport għal kull verifika fuq il-post".

5 L-Artikolu 63 ta' dan ir-regolament, intitolat "Pagamenti mhux dovuti u pieni amministrattivi", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"(1) Fejn jinstab li benefiċjarju ma jkunx konformi mal-impenji tal-kriterji ta' eliġibbiltà, impenji jew obbligi oħrajn relatati mal-kondizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna jew appoġġ, kif previst fil-leġislazzjoni agrikola settorjali, l-għajnuna ma għandhiex titħallas jew għandha tiġi rtirata kollha jew parzjalment u, fejn ikun rilevanti, id-drittijiet għal pagamenti korrispondenti kif imsemmijin fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 ma għandhomx jiġu allokati jew għandhom jiġu rtirati.

[…]

(2) Barra minn hekk, fejn il-leġislazzjoni agrikola settorjali tipprevedi hekk, l-Istati Membri għandhom jimponu wkoll pieni amministrattivi, skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 64 u fl-Artikolu 77 […]"

6 Skont l-Artikolu 64(4) tar-Regolament Nru 1306/2013, intitolat "Applikazzjoni tal-pieni amministrattivi":

"Il-pieni amministrattivi jistgħu jieħdu waħda mill-għamliet li ġejjin:

(a) tnaqqis fl-ammont ta' għajnuna jew appoġġ li jitħallas fir-rigward tal-applikazzjoni għal għajnuna jew talba għal pagament magħmula mill-applikazzjonijiet ta' nonkonformità jew oħrajn; madankollu fir-rigward ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' sospensjoni tal-appoġġ fejn jista' jkun mistenni li n-nonkonformità tista' tiġi indirizzata mill-benefiċjarju fi żmien raġonevoli;

(b) pagament ta' ammont ikkalkulat abbażi tal-kwantità u/jew il-perijodu kkonċernat min-nonkonformità;

(c) is-sospensjoni jew l-irtirar ta' approvazzjoni, rikonoxximent jew awtorizzazzjoni;

(d) l-esklużjoni mid-dritt għal parteċipazzjoni fl-iskema ta' għajnuna jew il-miżura ta' appoġġ jew xi miżura oħra kkonċernata, jew li jittieħed benefiċċju minnhom".

7 Il-Kapitolu 2, intitolat “Sistema Integrata ta’ Amministrazzjoni u Kontroll”, tat-Titolu V ta’ dan ir-regolament, jinkludi l-Artikolu 67 tiegħu, li huwa fformulat kif ġej:

“(1) Kull Stat Membru għandu jwaqqaf u jħaddem sistema integrata ta’ amministrazzjoni u kontroll (is-‘sistema integrata’).

[…]

(4) Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu:

[…]

(b) ‘pagament dirett relatat mal-erja’ tfisser l-iskema bażika ta’ pagament; l-iskema ta’ pagament uniku skont l-erja u l-pagament ridistributtiv kif imsemmi fil-Kapitoli 1 u 2 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013; il-pagament għal prattiki agrikoli ta’ benefiċċju għall-klima u l-ambjent kif imsemmi fil-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-pagament għal meded ta’ art b’restrizzjonijiet naturali kif imsemmi fil-Kapitolu 4 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-pagament għal bdiewa żgħażagħ kif imsemmi fil-Kapitolu 5 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-appoġġ akkoppjat volontarju kif imsemmi fil-Kapitolu I tat-Titolu IV, fejn l-appoġġ jitħallas għal kull ettaru; il-pagament għal prodotti tar-raba’ speċifiċi fir-rigward tal-qoton kif imsemmi fil-Kapitolu [3] tat-Titolu IV; l-iskema għall-bdiewa żgħar kif imsemmija fit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 […]”

8 L-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 jipprevedi:

“Is-sistema integrata għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) bażi ta’ data kompjuterizzata;

(b) sistema ta’ identifikazzjoni għal ħbula tar-raba’;

(c) sistema għall-identifikazzjoni u r-registrazzjoni ta’ drittijiet għal pagamenti;

(d) applikazzjonijiet għal għajnuna u talbiet għal pagament;

(e) sistema integrata ta’ kontroll;

(f) sistema unika għar-reġistrazzjoni tal-identità ta’ kull benefiċjarju tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 67(2) li jissottometti applikazzjoni għal għajnuna jew talba għal pagament”.

9 L-Artikolu 74(1) ta’ dan ir-regolament jipprovdi:

“Skont l-Artikolu 59, l-Istati Membri, permezz tal-aġenziji tal-pagamenti jew tal-korpi li huma jkunu awtorizzaw biex jaġixxu f’isimhom, għandhom jagħmlu verifiki amministrattivi dwar l-applikazzjoni għal għajnuna biex jivverifikaw il-kondizzjonijiet ta’ eliġibbiltà għall-għajnuna. Dawk il-verifiki għandhom ikunu ssupplimentati b’verifiki fuq il-post”.

10 Skont l-Artikolu 77 tal-imsemmi regolament, intitolat "Applikazzjoni tal-pieni amministrattivi":

"(1) Fir-rigward tal-pieni amministrattivi msemmija fl-Artikolu 63(2), dan l-Artikolu għandu japplika fil-każ ta' nuqqas ta' konformità fir-rigward tal-kriterji tal-eliġibbiltà, l-impenji jew obbligi oħrajn li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-regoli dwar l-appoġġ imsemmija fl-Artikolu 67(2).

[…]

(4) Il-pieni amministrattivi jistgħu jieħdu l-għamliet li ġejjin:

(a) tnaqqis fl-ammont ta' għajnuna jew appoġġ imħallas jew li għandu jitħallas fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna jew it-talbiet għall-pagament affettwati min-nuqqas ta' konformità u/jew fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna jew it-talbiet għall-pagament għal snin preċedenti jew sussegwenti;

(b) pagament ta' ammont ikkalkulat abbażi tal-kwantità u/jew il-perijodu ikkonċernat min-nuqqas ta' konformità;

(c) l-esklużjoni mid-dritt għal parteċipazzjoni fl-iskema ta' għajnuna jew miżura ta' appoġġ ikkonċernati.

[…]"

Ir-Regolament Nru 1307/2013

11 Ir-Regolament Nru 1307/2013 tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023 permezz tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU 2021, L 435, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2022, L 181, p. 35, u fil-ĠU 2022, L 227, p. 136). Madankollu, skont l-Artikolu 154(2) tar-Regolament 2021/2115, ir-Regolament Nru 1307/2013 għandu jkompli japplika fir-rigward tat-talbiet għall-għajnuna li jirrigwardaw snin ta' applikazzjonijiet li jibdew qabel l-1 ta' Jannar 2023. Peress li t-talba għal għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna s-sena 2019, ir-Regolament Nru 1307/2013 huwa applikabbli f'dan il-każ.

12 Il-premessa 4 tar-Regolament Nru 1307/2013 tistipula:

"Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li r-Regolament [Nru 1306/2013] u d-dispożizzjonijiet adottati skont dan għandhom japplikaw b'rabta mal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament. […]"

13 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1307/2013 jipprevedi:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

(a) regoli komuni dwar il-pagamenti mogħtija direttament lill-bdiewa skont l-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I ('pagamenti diretti');

(b) regoli speċifiċi dwar:
   (i) pagament bażiku għall-bdiewa ('l-iskema ta' pagament bażiku') u skema transizzjonali simplifikata, 'l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja');
   (ii) għajnuna nazzjonali transitorja volontarja għall-bdiewa;
   (iii) pagament ridistributtiv volontarju;
   (iv) pagament għall-bdiewa li jħarsu prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent;
   (v) pagament volontarju għall-bdiewa f'erjas b'restrizzjonijiet naturali;
   (vi) pagament għall-bdiewa żgħażagħ li jibdew l-attività agrikola tagħhom;
   (vii) skema ta' għajnuna akkoppjata volontarja;

   […]"

Ir-Regolament Delegat Nru 640/2014

14 Ir-Regolament Delegat Nru 640/2014 tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023 permezz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1172 tal-4 ta' Mejju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-politika agrikola komuni u l-applikazzjoni u l-kalkolu ta' penali amministrattivi għall-kundizzjonalità (ĠU 2022, L 183, p. 12). Madankollu, konformement mal-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat 2022/1172, ir-Regolament Delegat Nru 640/2014 għandu jkompli japplika għat-talbiet għall-għajnuna dwar pagamenti diretti ppreżentati qabel l-1 ta' Jannar 2023. Għalhekk, fid-dawl tad-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, ir-Regolament Delegat Nru 640/2014 huwa applikabbli għal din il-kawża.

15 Il-premessi 2, 8 u 17 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jiddikjaraw:

"(2) B'mod partikolari, għandhom jiġu stabbiliti regoli biex jiġu ssupplimentati ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 b'rabta mal-funzjonament tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll ('is-sistema integrata'), il-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna jew għat-talbiet għal pagamenti, il-kundizzjonijiet għar-rifjut totali jew parzjali tal-għajnuna u l-irtirar totali jew parzjali ta' għajnuna jew appoġġ mhux dovuti u d-determinazzjon tal-penali amministrattivi li jindirizzaw in-nuqqas ta' konformità relatata mal-kundizzjonijiet biex wieħed jirċievi appoġġ taħt miżuri stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 […].

[…]

(8) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni kif imiss tal-iskema ta' pagament bażiku u pagamenti relatati kif stipulat fit-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni għad-drittijiet għall-pagament li tiżgura li d-drittijiet għall-pagament ikunu traċċabbli u li, fost l-oħrajn, tippermetti li jiġu kontroverifikati żoni ddikjarati għall-finijiet tal-iskema ta' pagament bażiku mad-drittijiet għall-pagament disponibbli għal kull bidwi u bejn id-drittijiet għall-pagament differenti bħal dawn.

[…]

(17) Il-benefiċjarji li javżaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fi kwalunkwe żmien b'applikazzjonijiet għall-għajnuna jew talbiet għall-pagamenti inkorretti, ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi penali amministrattivi irrispettivament mir-raġuni tan-nuqqas ta' konformità, sakemm il-benefiċjarju jkun ġie infurmat bl-intenzjoni tal-awtorità kompetenti li twettaq verifika fuq il-post jew l-awtorità tkun diġà infurmat lill-benefiċjarju bi kwalunwke nuqqas ta' konformità fl-applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-pagament".

16 L-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"[…]

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw […]

[…]

(2) 'nuqqas ta' konformità' tfisser:
(a) għall-kriterji ta' eliġibbiltà, l-impenji jew obbligi oħra relatati mal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna jew l-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, kwalunkwe nuqqas ta' ħarsien ta' dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà, impenji jew obbligi oħra; jew

[…]"

17 L-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, intitolat "Eċċezzjonijiet mill-applikazzjoni tal-penali amministrattivi", jipprevedi:

"(1) Il-penali amministrattivi previsti f'dan il-Kapitolu ma għandhomx japplikaw fir-rigward tal-parti tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-pagament li dwarhom il-benefiċjarju jinforma lill-awtorità kompetenti bil-miktub li l-applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-pagament hija inkorretta jew saret inkorretta minn meta ġiet ippreżentata, sakemm il-benefiċjarju ma jkunx ġie infurmat bl-intenzjoni tal-awtorità kompetenti li twettaq verifika fuq il-post u li l-awtorità ma tkunx diġà infurmat lill-benefiċjarju b'xi nuqqasijiet ta' konformità fl-applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-pagament.

(2) L-informazzjoni mogħtija mill-benefiċjarju kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollha l-effett li l-applikazzjoni għall-għajnuna tiġi aġġustata għas-sitwazzjoni attwali".

18 L-Artikolu 19a ta' dan ir-regolament delegat, intitolat "Penali amministrattivi f'każijiet ta' dikjarazzjoni eċċessiva tal-erjas għall-iskema ta' pagament bażiku, għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, għall-pagament ridistributtiv, għall-iskema tal-bdiewa żgħażagħ, għall-pagament għal erjas b'restrizzjonijiet naturali, għall-iskema tal-bdiewa żgħar, għall-pagamenti ta' Natura 2000 u tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u għall-pagamenti għal erjas b'restrizzjonijiet naturali jew b'restrizzjonijiet speċifiċi oħra" jipprovdi, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

"(1) Jekk, fir-rigward ta' grupp ta' għelejjel kif imsemmi fl-Artikolu 17(1), l-erja ddikjarata għall-iskemi ta' għajnuna previsti fil-Kapitoli 1, 2, 4 u 5 tat-Titolu III u fit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 u l-miżuri ta' appoġġ imsemmija fl-Artikoli 30 u 31 tar-[Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp

Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU 2013, L 347, p. 487, u rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 1)] taqbeż l-erja stabbilita skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament, l-għajnuna jew l-appoġġ għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-erja stabbilita mnaqqsa b'darba u nofs (1,5) tad-differenza li tinstab jekk dik id-differenza tkun iżjed minn 3 % tal-erja stabbilita jew iżjed minn żewġ (2) ettari.

Il-penali amministrattiva ma għandhiex taqbeż il-100 % tal-ammonti bbażati fuq l-erja ddikjarata.

(2) Meta tkun għadha ma ġiet imposta l-ebda penali amministrattiva fuq il-benefiċjarju skont il-paragrafu 1 għal dikjarazzjoni eċċessiva tal-erjas għall-iskema ta' għajnuna jew għall-miżura ta' appoġġ ikkonċernati, il-penali amministrattiva msemmija f'dak il-paragrafu għandha titnaqqas b'50 % jekk id-differenza bejn l-erja ddikjarata u l-erja stabbilita ma taqbiżx l-10 % tal-erja stabbilita.

(3) Meta benefiċjarju titnaqqaslu l-penali amministrattiva tiegħu skont il-paragrafu 2 u trid tiġi imposta penali amministrattiva oħra fuq dak il-benefiċjarju għall-iskema ta' għajnuna jew għall-miżura ta' appoġġ ikkonċernati fir-rigward tas-sena tat-talba li jkun imiss, kif imsemmi f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 21, huwa għandu jħallas il-penali amministrattiva sħiħa fir-rigward ta' dik is-sena tat-talba li jkun imiss u għandu jħallas l-ammont tal-penali amministrattiva kkalkolata skont il-paragrafu 1 li jkun ġie mnaqqas skont il-paragrafu 2".

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014

19 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 227, p. 69), tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1173 tal-31 ta' Mejju 2022 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-Politika Agrikola Komuni (ĠU 2022, L 183, p. 23). Madankollu, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2022/1173, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014 għandu jkompli japplika għat-talbiet għall-għajnuna dwar pagamenti diretti ppreżentati qabel l-1 ta' Jannar 2023. Fid-dawl tad-data tal-fatti tal-kawża prinċipali, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014 huwa applikabbli f'dan il-każ.

20 L-Artikolu 25 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014 jipprovdi:

"Il-verifiki fuq il-post jistgħu jitħabbru minn qabel, dejjem jekk dan ma jxekkilx l-iskop jew l-effettività tagħhom. Kwalunkwe tħabbira minn qabel għandha tkun strettament limitata għall-perjodu minimu taż-żmien meħtieġ u ma għandhiex issir iktar minn 14-il jum qabel.

[…]"

21 L-Artikolu 41 ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, intitolat "Rapport ta' kontroll", huwa fformulat kif ġej:

"(1) Kull verifika fuq il-post imwettqa skont din it-Taqsima għandu jinħareġ rapport ta' kontroll dwarha li jagħmilha possibbli li wieħed jeżamina d-dettalji tal-verifiki mwettqin u jislet

konklużjonijiet dwar il-konformità mal-kriterji tal-eliġibbiltà u mal-impenji u l-obbligi l-oħrajn. […]

(2) Il-benefiċjarju għandu jingħata l-opportunità jiffirma r-rapport matul il-verifika biex jikkonferma l-preżenza tiegħu waqt il-verifika u jżid l-osservazzjonijiet tiegħu. Meta l-Istati Membri jużaw rapport ta' kontroll stabbilit b'mezzi elettroniċi matul il-verifika, l-awtorità kompetenti għandha tipprevedi l-possibbiltà li l-benefiċjarju jiffirmah b'mod elettroniku, jewinkella r-rapport ta' kontroll għandu jintbagħat minnufih lill-benefiċjarju sabiex dan jingħata l-opportunità jiffirmah u jżid l-osservazzjonijiet tiegħu. Meta jinstab xi nuqqas ta' konformità, il-benefiċjarju għandu jirċievi kopja tar-rapport ta' kontroll.

[…]"

Id-dritt Bulgaru

Iż-ZPZP

22 L-Artikolu 41 taż-Zakon za podpomagane na zemedelskite proizvoditeli (il-Liġi dwar l-appoġġ għall-bdiewa) (DV Nru 58 tat-22 ta' Mejju 1998), fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem iż-"ZPZP"), jipprovdi:

"(1) Il-bdiewa rreġistrati konformement mal-Artikolu 7 jistgħu japplikaw għal għajnuna taħt l-iskemi msemmija fl-Artikolu 38a(1) wara li jippreżentaw applikazzjoni għall-għajnuna konformement mal-Artikolu 32(1) għas-sena kalendarja kkonċernata.

[…]

(3) L-artijiet agrikoli msemmija fl-applikazzjoni għal għajnuna għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bdiewa fil-31 ta' Mejju tas-sena kalendarja kkonċernata, konformement mal-Artikolu 36(5) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, li huwa ċċertifikat minn bażi legali ta' użu rreġistrata skont iż-[Zakon za sobstvenostta i polzvaneto na zemedelskite zemi (il-Liġi dwar il-Proprjetà u l-Użu tal-Artijiet Agrikoli)].

(4) Il-bażi legali tal-użu tal-artijiet agrikoli hija rreġistrata mad-dipartimenti muniċipali għall-agrikoltura tal-post fejn jinsabu l-proprjetajiet, permezz ta' softwer speċjalizzat amministrat mill-Ministeru għall-Agrikoltura, għall-Ikel u għall-Foresti. Ir-reġistrazzjoni għandha ssir sal-iskadenza tat-termini previsti mid-digriet imsemmi fl-Artikolu 32(5), għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal għajnuna u għall-emendi tagħha.

(5) Il-Ministeru għall-Agrikoltura, għall-Ikel u għall-Foresti għandu jikklassifika, jissintetizza u jibgħat lill-aġenzija tal-ħlas, f'daqqa jew fi stadji, id-data dwar il-bażijiet legali rreġistrati għall-użu tal-artijiet agrikoli. […]

(6) Meta tippreżenta applikazzjoni għal għajnuna permezz tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, l-aġenzija tal-ħlas għandha tivverifika d-data tal-applikazzjoni, li għandha titqabbel mad-data msemmija fil-paragrafu 5. Jekk il-bidwi jkun inkluda, fl-applikazzjoni tiegħu, art agrikola li tinsab barra ż-żoni li għalihom hemm bażi legali jew sal-punt li jaqbeż il-bażi legali rreġistrata tal-użu, is-sistema għandha tiġġenera senjalazzjoni ta' żball. Is-senjalazzjoni ta' żball għandha tiġi ppreżentata lill-bidwi għall-firma.

(7) Mal-iskadenza tat-termini għall-preżentata tal-applikazzjoni għal għajnuna u tal-emenda tagħha, previsti mid-digriet imsemmi fl-Artikolu 32(5), l-aġenzija tal-ħlas għandha twettaq kontroll amministrattiv tal-applikazzjonijiet kollha għal għajnuna ppreżentati li għalihom is-sistema tkun ħarġet senjalazzjoni ta' żball. Matul il-verifika, l-informazzjoni li tinsab fl-applikazzjonijiet għal għajnuna għandha titqabbel mad-data msemmija fil-paragrafu 5 dwar l-osservanza tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 4.

[…]

(9) Meta l-verifika mwettqa skont il-paragrafi 7 u 8 ma turi l-ebda bażi ġuridika rreġistrata fis-sens tal-paragrafu 4, l-aġenzija tal-ħlas għandha tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 43(3)".

23 L-Artikolu 43 taż-ZPZP jipprevedi:

"(1) L-aġenzija tal-ħlas għandha tagħmel pagamenti diretti fir-rigward tal-applikazzjonijiet sottomessi meta ssib li:

1. l-applikant juża l-erjas agrikoli ddikjarati fl-applikazzjoni u jeżerċita attività agrikola fiha;

[…]

3. l-erja użata mill-bidwi u d-daqs tal-għalqa ma humiex inqas minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 38c;

4. l-erjas iddikjarati taħt l-għajnuna huma meqjusa bħala eliġibbli għall-għajnuna matul il-kontrolli msemmija fl-Artikolu 37(3) u (4).

(2) L-aġenzija tal-ħlas għandha tivverifika l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt l-iskemi ta' pagament dirett konformement mal-Artikolu 37.

(3) L-aġenzija tal-ħlas għandha tnaqqas l-ammont tal-pagament jew tirrifjuta l-pagament skont l-iskemi ta' pagament dirett meta:

1. l-applikant jaħdem erja u/jew għelieqi ta' daqs inqas minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 38c;

2. din l-aġenzija tkun ikkonstatat li l-kundizzjonijiet relatati mal-kundizzjonalità ma kinux osservati għaż-żoni kkonċernati;

3. l-applikant jipprevjeni żjara ta' verifika fuq il-post;

4. l-applikant ikun iddikjara erjas li huwa ma joperax jew ikun iddikjara żoni li ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-għajnuna, kif iddefiniti mid-digriet imsemmi fl-Artikolu 40;

5. għall-istess erja, ikunu ġew ippreżentati żewġ applikazzjonijiet jew aktar u s-sovrapożizzjoni tal-erja ma tkunx ġiet eliminata;

[…]

(4) L-aġenzija tal-ħlas għandha tnaqqas l-ammont tal-pagament jew tirrifjuta l-pagament imsemmi fil-paragrafu 3 konformement mal-kriterji stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea".

Id-Digriet Nru 5 tas-27 ta' Frar 2009

24 L-Artikolu 2 tan-naredba nº 5 za usloviyata i reda za podavane na zayavlenia po shemi i merki za direktni plashtania (id-Digriet Nru 5 dwar il-Kundizzjonijiet u l-Modalitajiet għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet taħt l-iskemi u miżuri ta' pagamenti diretti) tas-27 ta' Frar 2009 (DV Nru 22 tal-2009), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet Nru 5"), jipprevedi:

"(1) L-appoġġ taħt l-iskemi u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 huwa miftuħ għall-bdiewa li jaħdmu artijiet agrikoli u/jew irziezet tal-bhejjem u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 41 taż-[ZPZP].

(2) Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal appoġġ taħt l-iskemi u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 fuq formola li għandha tiġi approvata kull sena mid-[DFZ] – aġenzija tal-ħlas (Razplashtatelna agentsia – RA). Meta ssir l-ewwel applikazzjoni għal għajnuna, il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ukoll jimlew applikazzjoni għal reġistrazzjoni".

25 L-Artikolu 11 ta' dan id-digriet jipprovdi:

"(1) Sal-31 ta' Mejju, l-applikanti għall-appoġġ jistgħu jemendaw l-applikazzjonijiet tagħhom u d-dokumenti mehmuża, inkluż billi jżidu skemi u miżuri addizzjonali, kif ukoll għelieqi u/jew annimali skont l-iskemi u/jew il-miżuri mitluba. Meta l-31 ta' Mejju ma jkunx ġurnata tax-xogħol, it-terminu għall-emenda tal-applikazzjonijiet għandu jiskadi fl-ewwel jum tax-xogħol ta' wara.

[…]

(3) L-applikanti għal appoġġ ma jistgħux jagħmlu l-emendi msemmija fil-paragrafu 1 meta:

1. ikunu ġew infurmati dwar in-nuqqasijiet ta' konformità kkonstatati fl-applikazzjoni;

2. ikunu ġew infurmati li ser ikunu suġġetti għal verifika fuq il-post;

3. huma kienu s-suġġett ta' verifika fuq il-post, u ġew ikkonstatati nuqqasijiet ta' konformità.

(4) L-emendi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru billi tiġi ppreżentata kopja tal-applikazzjoni għal appoġġ, flimkien mal-kaxxa "modifiki" mmarkata, mimlija u ffirmata mill-applikant. L-imsemmija kopja għandha tintbagħat, għad-dħul tad-data li hija tinkludi, lis-Sistema ta' Reġistrazzjoni tal-applikanti, għall-applikazzjonijiet għal appoġġ u għat-talbiet għal pagament (SRKZPZP) lid-dipartiment muniċipali tal-agrikoltura (OSZ) korrispondenti, fejn iddaħħlet id-data dwar l-applikazzjoni għal sostenn tal-applikant. Id-data għandha tinġabar konformement mal-Artikolu 10(1).

[…]

(6) L-applikanti għal appoġġ jistgħu jikkoreġu l-iżbalji ta' fatt manifesti fl-applikazzjonijiet sottomessi fi kwalunkwe ħin sakemm il-pagament jiġi approvat (kompletament jew parzjalment) jew irrifjutat".

26 L-Artikolu 14 tad-Digriet Nru 5 jipprovdi:

"(1) L-applikant għall-għajnuna jista' jirtira l-applikazzjoni sottomessa jew skema waħda jew aktar, bl-eċċezzjoni tal-iskema ta' għajnuna għall-bdiewa żgħar, sal-pagament taħt l-iskema kkonċernata, iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru tas-sena tal-applikazzjoni. L-ebda parti minn għalqa ma tista' tkun is-suġġett ta' rtirar. L-irtirar għandu jsir permezz ta' talba bil-miktub indirizzata lid-direttorat reġjonali kompetenti tad-DFZ tar-reġjun fejn jinsab:

1. l-indirizz permanenti tal-applikant – persuna fiżika;

2. l-Uffiċċju reġistrat tal-applikant – persuna ġuridika jew imprenditur individwali.

(2) Applikazzjoni, jew skema waħda jew aktar li jagħmlu parti minnha, għandha tiġi rtirata flimkien ma' applikazzjoni għal emenda billi timtela formola ta' applikazzjoni flimkien mal-emendi mmarkati fil-kaxxi.

[…]

(6) L-applikant għal għajnuna ma jistax jirtira l-applikazzjoni tiegħu jew waħda jew aktar mill-iskemi tiegħu fejn:

1. ikun ġie infurmat dwar is-sovrappożizzjoni identifikata fl-applikazzjoni fir-rigward tal-għelieqi li għalihom ġew identifikati sovrappożizzjonijiet;

2. ikun ġie infurmat li ntgħażel għal verifika fuq il-post fir-rigward tal-erjas u/jew l-annimali suġġetti għall-verifika;

3. huwa kien is-suġġett ta' verifika fuq il-post u ġie informat bin-nuqqasjiet ta' konformità kkonstatati f'dak li jirrigwarda l-erjas u/jew l-annimali li fir-rigward tagħhom ġew ikkonstatati nuqqasijiet ta' konformità.

(7) It-talbiet għall-irtirar tal-applikazzjonijiet għal għajnuna ma għandhomx jiġu aċċettati matul il-perjodu tal-kontroverifiki ta' dawn l-applikazzjonijiet. Il-perjodu tal-kontroverifiki għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit internet tal-fond agrikolu nazzjonali.

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

27 Kanevi Komers DS ippreżentat applikazzjoni għal għajnuna finanzjarja għas-sena 2019 taħt diversi skemi ta' għajnuna u miżuri ta' pagamenti diretti skont l-erja ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-baġit nazzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija.

28 Din l-applikazzjoni kienet is-suġġett ta' verifiki amministrattivi u ta' verifiki fuq il-post, fosthom l-ewwel waħda, imwettqa bejn it-8 u t-28 ta' Awwissu 2019, u t-tieni waħda, imwettqa bejn it-22 u l-25 ta' Ottubru 2019.

29 Permezz ta' ittra tal-4 ta' Novembru 2019 indirizzata lid-direttorat reġjonali tad-DFZ tal-belt ta' Targovishte (il-Bulgarija), Kanevi Komers DS, skont l-Artikolu 14(1) tad-Digriet Nru 5, irtirat l-applikazzjoni tagħha għal għajnuna għal ċerti għelieqi. Fil-5 ta' Novembru 2019, l-istess ittra ġiet ippreżentata fis-sede ċentrali tad-DFZ.

30 Permezz ta' ittra tat-18 ta' Diċembru 2019, id-DFZ informa lil Kanevi Komers DS, minn naħa, li l-irtirar tal-applikazzjoni għal għajnuna ma kienx validu, peress li dan ma sarx permezz tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll (iktar 'il quddiem is-"SIAK") u, min-naħa l-oħra, li r-rifjut ta' dan l-irtirar kien iġġustifikat mill-fatt li huwa kien diġà ppjana u ddeċieda li titwettaq verifika. Madankollu, id-DFZ ma pprovdiex dokument li juri d-deċiżjoni ta' din il-verifika.

31 Permezz ta' ittra tal-5 ta' Diċembru 2022, id-DFZ informa lil Kanevi Komers DS bl-awtorizzazzjoni ta' appoġġ u bil-pagament tiegħu abbażi tal-erja ddikjarata għas-sena 2019. Din l-ittra kienet tindika li l-ammont totali tal-għajnuna awtorizzata kien ġie kkalkolat permezz tas-SIGC, wara t-twettiq ta' verifiki amministrattivi u ta' verifiki obbligatorji fuq il-post fir-rigward tad-data li tinsab fit-talba għal appoġġ imressqa minn din il-kumpannija, li l-ammonti mitluba minn Kanevi Komers DS kienu s-suġġett ta' tnaqqis u li l-ammonti tas-sanzjonijiet applikabbli għaliha minħabba s-sovrapożizzjoni tal-erjas kienu ġew ikkalkolati konformement mal-Artikolu 19a tar-Regolament Delegat Nru 640/2014.

32 Kanevi Komers DS adixxiet lill-Administrativen sad – Varna (il-Qorti Amministrattiva ta' Varna, il-Bulgarija), li hija l-qorti tar-rinviju, b'rikors kontra din l-ittra.

33 Quddiem dik il-qorti, Kanevi Komers DS issostni essenzjalment li hija setgħet tirtira mill-applikazzjoni tagħha għal għajnuna biċċiet ta' art li għalihom hija kienet talbet appoġġ, mhux permezz tas-SIGC, iżda b'osservanza tal-kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 u fl-Artikolu 14 tad-Digriet Nru 5, jiġifieri permezz ta' notifika bil-miktub indirizzata lid-Direttorat Reġjonali tad-DFZ fil-każ fejn il-benefiċjarju ma jkunx ġie avżat li l-awtorità kompetenti kellha l-intenzjoni twettaq verifika fuq il-post u ma kinitx diġà ġiet informata minn din l-awtorità dwar il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati fl-applikazzjoni tagħha għal għajnuna jew fit-talba tagħha għal pagament.

34 Kanevi Komers DS tippreċiża, f'dan ir-rigward, li hija kkomunikat lid-DFZ l-applikazzjoni għall-irtirar ta' ċerti superfiċji mill-applikazzjoni tagħha għal għajnuna fit-termini previsti mid-dritt nazzjonali u li hija osservat il-forma bil-miktub prevista fl-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014. Hija ssostni wkoll li d-deċiżjoni li tordna l-verifika fuq il-post imwettqa bejn it-8 u t-28 ta' Awwissu 2019 ma kienet issemmi l-ebda porzjon ta' art u li, konsegwentement, l-awtorità amministrattiva ma kellha ebda prova li s-superfiċji kkonċernati mit-talba għall-irtirar kienu preċiżament dawk li kienu ġew indikati sabiex jiġu vverifikati. Għaldaqstant, hija tqis li d-DFZ kiser l-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, minn naħa, billi inkluda fil-kalkolu tal-għajnuna s-superfiċji li kienu koperti mill-applikazzjoni għall-irtirar u, min-naħa l-oħra, billi impona sanzjonijiet mingħajr ma ħa inkunsiderazzjoni l-korrezzjoni magħmula għall-applikazzjoni għal għajnuna.

35 Id-DFZ isostni li, sabiex irtirar ta' porzjonijiet ta' art mill-applikazzjoni għal għajnuna jkun validu, dan għandu jsir permezz tas-SIGC skont modalitajiet li jippermettu pproċessar rilevanti ta' din l-applikazzjoni. Huwa jindika li ġiet żviluppata funzjonalità fis-SIGC li tippermetti, meta tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-irtirar totali jew parzjali tas-superfiċji, verifika ta' ammissibbiltà ta' din l-applikazzjoni fid-dawl tal-approvazzjoni jew le ta' tali rtirar. Id-DFZ jippreċiża li kull mod ieħor ta' kif isir l-imsemmi rtirar, li ma joffrix il-possibbiltà oġġettiva li tiġi vverifikata l-ammissibbiltà tal-applikazzjoni għal irtirar, ma jistax jiġi ttrattat bħala tali applikazzjoni.

36 Skont il-qorti tar-rinviju, tqum il-kwistjoni dwar jekk, fid-dawl tal-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, huwiex biżżejjed li n-notifika tat-talba għall-irtirar issir bil-miktub u li tkun waslet għand l-awtorità kompetenti, jew jekk huwiex neċessarju li din in-notifika ssir f'format speċifiku u permezz ta' pjattaforma tal-informatika speċifika. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li r-Regolament Delegat Nru 640/2014 la jipprevedi li t-talba għall-irtirar tas-superfiċji għandha ssir permezz ta' tali pjattaforma u lanqas il-kompetenza tal-Istati Membri sabiex jistabbilixxu regoli addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament delegat.

37 Barra minn hekk, fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament delegat, tqum il-kwistjoni dwar jekk dan l-artikolu għandux jiġi interpretat fis-sens li, peress li l-benefiċjarju ma ġiex avżat li l-awtorità kompetenti kellha l-intenzjoni twettaq verifika u li ma ġiex informat bil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati fl-applikazzjoni għal għajnuna, huwa jista' jindika bil-miktub lill-awtorità kompetenti li l-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew l-applikazzjoni tiegħu għal pagament hija żbaljata jew li saret tali minn meta ġiet ippreżentata l-applikazzjoni, u dan sal-jum li fih huwa informat bl-eżistenza tal-kundizzjonijiet li jipprekludu li ssir din is-sinjalizzazzjoni.

38 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-Artikolu 19a tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, li abbażi tiegħu d-DFZ impona sanzjonijiet fuq Kanevi Komers DS, il-qorti tar-rinviju tirrileva li dan ir-regolament delegat, anki jekk tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023, ikompli japplika għall-applikazzjonijiet għal għajnuna relatati ma' pagamenti diretti ppreżentati qabel din id-data, bħalma huwa l-każ fit-tilwima fil-kawża prinċipali. Madankollu, hija tikkonstata li l-verżjoni kkonsolidata tal-imsemmi regolament delegat ma għadhiex tinkludi dan l-Artikolu 19a. Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-imsemmi artikolu għandux jitqies li kien fis-seħħ fid-data tal-impożizzjoni tas-sanzjonijiet fuq Kanevi Komers DS, jiġifieri l-5 ta' Diċembru 2022.

39 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Administrativen sad – Varna (il-Qorti Amministrattiva ta' Varna) ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 15 tar-[Regolament Delegat Nru 640/2014] tista' tiġi applikata direttament mill-Istati Membri jew l-applikazzjoni tagħha teħtieġ l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet legali nazzjonali?

(2) Għandu jitqies li l-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jipprovdi li, sabiex l-awtorità kompetenti titqies li ngħatat informazzjoni korretta min-naħa tal-benefiċjarju fis-sens li l-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew it-talba tiegħu għal pagament ma humiex korretti jew ma kinux baqgħu korretti wara l-preżentazzjoni jew it-tressiq tagħhom, huwa biżżejjed li l-komunikazzjoni tkun saret f'forma miktuba u tkun waslet għand l-awtorità kompetenti, mingħajr ma jkun previst li din il-komunikazzjoni titwettaq permezz ta' pjattaforma speċifika?

(3) Ir-restrizzjonijiet, previsti fl-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, għad-dritt tal-benefiċjarju li jinforma lill-awtorità kompetenti li l-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew it-talba tiegħu għal pagament ma humiex korretti jew ma kinux baqgħu korretti wara l-preżentazzjoni jew it-tressiq tagħhom mingħajr ma jkunu imposti fuqu sanzjonijiet, liema restrizzjonijiet jikkonsistu fil-kundizzjoni li l-'benefiċjarju ma jkunx ġie infurmat bl-intenzjoni tal-awtorità kompetenti li twettaq verifika fuq il-post u li l-awtorità ma tkunx diġà infurmat lill-benefiċjarju b'xi nuqqasijiet ta' konformità fl-applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-pagament' tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jeżiġu l-eżistenza ta' prova li l-awtorità amministrattiva kienet informat lill-benefiċjarju dwar l-intenzjoni tagħha li twettaq kontroll jew dwar in-nuqqas ta' konformità kkonstatat fl-applikazzjoni għal għajnuna jew fit-talba għal pagament? F'dan id-dawl, f'sitwazzjoni fejn il-benefiċjarju ma jkunx ġie informat li l-awtorità kompetenti kellha l-intenzjoni twettaq kontroll fuq il-post u fejn din l-awtorità ma tkunx diġà informat lill-benefiċjarju dwar in-nuqqas ta' konformità kkonstatat fl-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew fit-talba tiegħu għal pagament, din id-dispożizzjoni tippermetti lill-benefiċjarju jirtira din l-applikazzjoni jew din it-talba qabel ma jiġi informat mill-awtorità amministrattiva, minkejja li l-kontroll ikun diġà twettaq u l-awtorità tkun diġà kkonstatat nuqqas ta' konformità?

(4) Il-premessa 17 u l-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jippermettu dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi li '[l]-applikant għal appoġġ ma jistax jirtira l-applikazzjoni ppreżentata u lanqas ma jista' jirtiraha minn skema jew miżura waħda jew iktar meta: 1. ikun ġie informat li kienu ġew ikkonstatati elementi doppji fl-applikazzjoni, fir-rigward tal-artijiet elenkati darbtejn; 2. ikun ġie informat li ntgħażel sabiex jitwettaq kontroll fuq il-post; 3. kien is-suġġett ta' kontroll fuq il-post u kien ġie informat bin-nuqqasijiet ta' konformità kkonstatati fir-rigward taż-żoni u/jew tal-annimali kkonċernati', kif ukoll il-prassi tal-awtorità nazzjonali li twettaq kontroll fuq il-post (mingħajr ma tinforma lill-benefiċjarju dwar il-kontroll jew dwar l-eżitu tiegħu) u l-prassi tal-awtorità nazzjonali li teżiġi komunikazzjoni bil-miktub tal-irtirar mill-benefiċjarju fil-kuntest ta' sistema speċifika, u dan bil-għan biss li jiġi ffaċilitat it-trattament amministrattiv tal-applikazzjoni?

(5) It-tielet sentenza tal-Artikolu 49(1) tal-[Karta] tapplika fir-rigward tas-sanzjoni imposta fuq il-bidwi skont l-Artikolu 19a tar-[Regolament Delegat Nru 640/2014] (imħassar bir-Regolament Delegat [2022/1172], li l-premessa 16 tiegħu tiddikjara li '[f]l-interess taċ-ċarezza u taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) Nru 640/2014 jitħassar. Madankollu, dak ir-Regolament jenħtieġ li jkompli japplika għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-pagamenti diretti ppreżentati qabel l-1 ta' Jannar 2023, għat-talbiet għall-pagamenti magħmula fir-rigward tal-miżuri ta' appoġġ implimentati skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u għas-sistema ta' kontroll u l-penali amministrattivi fir-rigward tar-regoli dwar is-sistema ta' kundizzjonalità') li kien fis-seħħ matul is-sena finanzjarja 2019 u fil-mument li fih ġiet imposta s-sanzjoni permezz tal-ittra ta' komunikazzjoni dwar l-għoti tal-awtorizzazzjoni u l-pagament ta' appoġġ finanzjarju taħt l-iskemi u l-miżuri ta' pagamenti diretti għaż-żoni matul is-sena finanzjarja 2019, li kellha n-numru 01-2600/6992 u d-data tal-5 ta' Diċembru 2012, u dan f'sitwazzjoni fejn, fil-mument li t-tilwima ġiet eżaminata mill-qorti, il-verżjoni tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2023 […], ma kienx fiha d-dispożizzjoni tal-Artikolu 19a?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel u t-tieni domanda

40 Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq l-applikant għal għajnuna l-obbligu li jinforma lill-awtorità nazzjonali kompetenti bi kwalunkwe żball jew modifika tal-applikazzjoni għal għajnuna jew tat-talba għal pagament biss permezz ta' pjattaforma tal-informatika speċifika.

41 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, qabelxejn, li, għalkemm, minħabba n-natura tagħhom stess u l-funzjoni tagħhom fl-iskema tas-sorsi tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti għandhom, bħala regola ġenerali, effett immedjat fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, mingħajr ma jkun neċessarju li l-awtoritajiet nazzjonali jieħdu miżuri ta' applikazzjoni, uħud mid-dispożizzjonijiet tagħhom jistgħu jeħtieġu, madankollu, għall-implimentazzjoni tagħhom, l-adozzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni mill-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2012, Ketelä, C-592/11, EU:C:2012:673, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata)

42 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri ta' applikazzjoni ta' regolament jekk ma jostakolawx l-applikabbiltà diretta tiegħu, jekk ma jaħbux in-natura tiegħu bħala dritt tal-Unjoni u jekk jispeċifikaw l-eżerċizzju tal-marġni ta' evalwazzjoni mogħtija lilhom minn dan ir-regolament filwaqt li jibqgħu fil-parametri tad-dispożizzjonijiet tiegħu (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2012, Ketelä, C-592/11, EU:C:2012:673, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Huwa b'riferiment għad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolament inkwistjoni, interpretati fid-dawl tal-għanijiet tiegħu, li għandu jiġi ddeterminat jekk dawn jipprojbixxux, jimponux obbligu jew jippermettux lill-Istati Membri jadottaw ċerti miżuri ta' applikazzjoni u, b'mod partikolari f'din l-aħħar ipoteżi, jekk il-miżura kkonċernata taqax fil-kuntest tal-marġni ta' evalwazzjoni rrikonoxxut lil kull Stat Membru (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2012, Ketelä, C-592/11, EU:C:2012:673, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Barra minn hekk, għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li jifformaw parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2024, Agrarmarkt Austria, C-350/23, EU:C:2024:771, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel, li l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jipprovdi li s-sanzjonijiet amministrattivi ma japplikawx fir-rigward tal-parti tal-applikazzjoni għal għajnuna jew tat-talba għal pagament li l-benefiċjarju jkun indika bil-miktub lill-awtorità kompetenti bħala żbaljata jew li tkun saret żbaljata minn meta tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni, bil-kundizzjoni li l-benefiċjarju ma jkunx ġie avżat li l-awtorità kompetenti kellha l-intenzjoni li twettaq verifika fuq il-post u ma jkunx diġà ġie informat mill-awtorità kompetenti bil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati fl-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew għal pagament.

46 Konsegwentement, mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li din la tippermetti u lanqas ma tipprojbixxi espressament lill-Istati Membri li jipprevedu regoli addizzjonali dwar l-obbligu, għall-benefiċjarju, li jinforma lill-awtorità kompetenti bil-miktub dwar il-parti tal-applikazzjoni għal għajnuna jew dwar it-talba għal pagament meqjusa bħala żbaljata jew li saret hekk minn meta ġiet ippreżentata.

47 Fir-rigward, it-tieni, tal-kuntest li fih taqa' din id-dispożizzjoni, din tinsab fil-Kapitolu IV tat-Titolu II tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, li huwa ddedikat għall-modalitajiet ta' kalkolu tal-għajnuna u għas-sanzjonijiet amministrattivi fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, f'dak li jirrigwarda l-iskemi ta' pagament dirett u l-miżuri ta' żvilupp rurali li jaqgħu taħt is-SIGC.

48 Issa, l-espressjoni "nuqqas ta' konformità" hija hija stess iddefinita mill-punt 2(a) tal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament delegat bħala "għall-kriterji ta' eliġibbiltà, l-impenji jew obbligi oħra relatati mal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna jew l-appoġġ […], kwalunkwe nuqqas ta' ħarsien ta' dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà, impenji jew obbligi oħra".

49 Peress li l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jaqa' fil-kuntest tal-kalkolu tal-għajnuna u ta' sanzjonijiet amministrattivi fil-każ ta' nuqqas ta' konformità u peress li jipprevedi li l-possibbiltà ta' rettifika tal-applikazzjoni għal għajnuna jew tat-talba għal pagament tippreżupponi li l-awtorità kompetenti tkun għadha ma kkomunikatx lill-benefiċjarju l-intenzjoni tagħha li twettaq verifika fuq il-post jew informatu dwar il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati fl-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew fit-talba tiegħu għal pagament, għandu jitqies li din id-dispożizzjoni hija intiża li tiggarantixxi li r-rettifika magħmula *a posteriori* mill-benefiċjarju sseħħ għal raġunijiet awtonomi u volontarji, ikkaratterizzati mill-*bona fide* ta' dan tal-aħħar.

50 It-tielet, fir-rigward tal-għanijiet imfittxija b'mod iktar ġenerali mir-Regolament Delegat Nru 640/2014, dawn għandhom jiġu ddeterminati fid-dawl tal-kompiti tal-ġestjoni kondiviża tal-fondi tal-Unjoni mal-Istati Membri, fil-kuntest tal-politika agrikola komuni (PAK), kif irregolata mir-Regolament Nru 1306/2013, li huwa kkompletat minn dan ir-regolament delegat fuq elementi mhux essenzjali.

51 F'dan ir-rigward, mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-finanzjament tal-PAK kif ukoll is-SIGC isegwi b'mod ċar li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jadottaw il-miżuri xierqa sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni tajba tas-SIGC u li b'mod partikolari għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw ruħhom mir-realtà u mir-regolarità tat-tranżazzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni, kif ukoll sabiex jipprevjenu u jinvestigaw l-irregolaritajiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et* (C-375/08, EU:C:2010:365, punt 75). Dawn l-obbligi ġew stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-Artikolu 59 tar-Regolament 2021/2116, li jikkorrispondi għall-Artikolu 58 tar-Regolament Nru 1306/2013 li tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

52 Għal dan l-għan, minn naħa, konformement mal-Artikoli 63, 64 u 77 tar-Regolament Nru 1306/2013, l-Istati Membri għandhom jimponu sanzjonijiet amministrattivi, li huma proporzjonati u progressivi skont il-gravità, il-portata, it-tul u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' osservanza kkonstatat, u li jistgħu jieħdu l-forma ta' tnaqqis tal-ammont tal-għajnuna jew tal-appoġġ, dik ta' pagament ta' ammont ikkalkolat abbażi tal-kwantità u/jew tal-perijodu kkonċernati min-nuqqas ta' osservanza, dik tas-sospensjoni jew tal-irtirar ta' awtorizzazzjoni, ta' rikonoxximent jew ta' approvazzjoni, jew dik tal-esklużjoni tad-dritt ta' parteċipazzjoni fl-iskema ta' għajnuna, fil-miżura ta' appoġġ jew f'miżura oħra kkonċernata jew li jibbenefikaw minnhom.

53 Min-naħa l-oħra, skont l-Artikoli 67 sa 73 ta' dan ir-regolament, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jamministraw SIGC, b'mod partikolari sabiex jivverifikaw l-awtentiċità u l-konformità tal-operazzjonijiet iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni fil-kuntest tal-PAK u sabiex itejbu l-effikaċja u l-monitoraġġ tal-appoġġ mogħti mill-Unjoni, billi jiffaċilitaw il-prevenzjoni tal-irregolaritajiet u tal-frodi kif ukoll l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet neċessarji.

54 Għaldaqstant, ebda element fir-Regolament Delegat Nru 640/2014 ma jippermetti li jitqies li l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw miżuri ta' applikazzjoni li jipprevedu li l-komunikazzjoni bil-miktub skont l-imsemmi Artikolu 15 għandha ssir permezz ta' pjattaforma tal-informatika speċifika.

55 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Istati Membri jgawdu minn marġni ta' evalwazzjoni fl-implimentazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna li huma jqisu neċessarji sabiex jipprevjenu u jippenalizzaw b'mod effikaċi l-irregolaritajiet u l-frodi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et* (C-375/08, EU:C:2010:365, punt 76).

56 Madankollu, l-eżerċizzju mill-Istati Membri tal-marġni ta' evalwazzjoni tagħhom dwar il-provi li għandhom jiġu prodotti insostenn ta' applikazzjoni għal għajnuna u l-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta dan il-marġni ta' evalwazzjoni għandhom josservaw l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kkonċernata u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, bħall-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2019, Azienda Agricola Barausse Antonio e Gabriele, C-348/18, EU:C:2019:545, punt 57, kif ukoll tas-7 ta' April 2022, Avio Lucos, C-116/20, EU:C:2022:273, punt 63).

57 Għalkemm hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, f'kull każ partikolari, jekk dawn il-prinċipji ġewx osservati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et*, C-375/08, EU:C:2010:365, punt 89), il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, ġurisdizzjoni sabiex tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni li jistgħu jippermettulha tevalwa tali konformità sabiex il-kawża li biha hija adita tkun tista' tiġi deċiża (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Subdelegación del Gobierno en Guadalajara, C-448/19, EU:C:2020:467, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Fir-rigward tal-prinċipju ta' ċertezza legali, li l-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni fil-qasam tal-għajnuna lill-bdiewa, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet amministrattivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' April 2024, Kaszamás, C-79/23, EU:C:2024:329, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata), għandu jitfakkar li dan ma jeżiġix biss li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tippermetti lill-persuni kkonċernati jkunu jafu b'eżattezza l-portata tal-obbligi li hija timponi fuqhom, iżda wkoll li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jsiru jafu mingħajr ambigwità d-drittijiet u l-obbligi tagħhom u jieħdu l-miżuri tagħhom konsegwentement (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Teglgaard u Fløjstrupgård, C-239/17, EU:C:2018:597, punt 52 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

59 Mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jsegwi li, skont l-Artikolu 14 tad-Digriet Nru 5, l-irtirar tal-applikazzjonijiet għal għajnuna għandu jsir permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub indirizzata lid-Direttorat Reġjonali tad-DFZ ikkonċernat. Madankollu, minn naħa, minn dan il-proċess ma jsegwix li, fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, dispożizzjoni tad-dritt Bulgaru kienet timponi l-obbligu li l-komunikazzjoni ta' dan l-irtirar tiġi suġġetta għal pjattaforma

tal-informatika speċjalizzata. Min-naħa l-oħra, skont l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, ir-rekwiżit li l-imsemmi rtirar isir b'dan il-mezz kien jirriżulta mill-prassi biss tal-awtoritajiet nazzjonali.

60 Għalkemm, fl-aħħar mill-aħħar, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika l-osservanza mid-dritt nazzjonali tal-prinċipju ta' ċertezza legali, għandu jiġi ppreċiżat li, fil-każ fejn l-obbligu li l-irtirar ta' applikazzjoni għal għajnuna jiġi suġġett għal pjattaforma tal-informatika speċifika ma jkunx ibbażat fuq bażi legali, iżda fuq sempliċi prassi tal-awtoritajiet nazzjonali, tali prassi ma tidhirx kompatibbli mar-rekwiżit ta' prevedibbiltà fl-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt meħtieġa minn dan il-prinċipju, sa fejn hija jista' jkollha effett fuq l-obbligi tal-benefiċjarju tal-għajnuna.

61 Fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jeżiġi li l-mezzi implimentati permezz ta' dispożizzjoni jkunu adatti sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq, għandu jitfakkar li dan għandu jiġi osservat kemm mil-leġiżlatur tal-Unjoni kif ukoll mil-leġiżlaturi u mill-qrati nazzjonali li japplikaw id-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et* (C-375/08, EU:C:2010:365, punt 87). Konsegwentement, dan il-prinċipju għandu jiġi osservat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat Nru 640/2014.

62 Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji tal-għajnuna, irrispettivament mill-grad tagħhom ta' għarfien tal-għodda informatika, ikollhom aċċess rapidu u faċli għal infrastrutturi li jippermettulhom, mingħajr ebda diffikultà u f'terminu raġonevoli, jibagħtu lill-amministrazzjoni kompetenti l-komunikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament delegat. Jekk din il-possibbiltà ma tkunx iggarantita fl-Istat Membru kkonċernat, l-obbligu impost minn dan l-Istat Membru li jwettaq tali komunikazzjoni permezz ta' pjattaforma tal-informatika speċjalizzata għandu jitqies li huwa sproporzjonat sa fejn in-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-obbligu jista', skont id-dritt amministrattiv nazzjonali, iwassal għan-nullità ta' komunikazzjoni skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014.

63 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq l-applikant għal għajnuna l-obbligu li jinforma lill-awtorità nazzjonali kompetenti bi kwalunkwe żball jew modifika tal-applikazzjoni għal għajnuna jew tat-talba għal pagament biss permezz ta' pjattaforma tal-informatika ddedikata, sakemm l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali, jiġu osservati.

Fuq it-tielet domanda

64 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 għandux jiġi interpretat fis-sens li, minn naħa, l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi fil-każ ta' applikazzjoni għal għajnuna jew ta' talba għal pagament żbaljata teħtieġ li l-awtorità nazzjonali kompetenti turi li ż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fiha ma humiex issodisfatti u, min-naħa l-oħra, li din id-dispożizzjoni tippermetti lil benefiċjarju jemenda jew jirtira l-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew it-talba tiegħu għal pagament sakemm ma jkunx ġie informat li l-awtorità kompetenti wettqet kontroll jew ikkonstatat każ ta' nuqqas ta' konformità fl-applikazzjoni tiegħu.

65 F'dak li jirrigwarda, qabelxejn, l-ewwel parti tat-tielet domanda, dwar il-prova tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, jiġifieri li l-benefiċjarju ma ġiex avżat li l-awtorità kompetenti kellha l-intenzjoni twettaq verifika fuq il-post u li ma kienx diġà ġie informat mill-awtorità kompetenti dwar il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati fl-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew fit-talba tiegħu għal pagament, għandu jiġi kkonstatat li l-produzzjoni tal-prova la hija rregolata minn din id-dispożizzjoni u lanqas minn dispożizzjonijiet oħra iktar speċifiċi ta' dan ir-regolament delegat.

66 Issa, hija ġurisprudenza stabbilita li, sa fejn regolament ma jinkludix dispożizzjonijiet iktar speċifiċi dwar b'mod partikolari l-produzzjoni tal-provi, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, u bla ħsara għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, li għandu jistabbilixxi l-modalitajiet tal-produzzjoni tal-provi, il-provi ammissibbli jew ukoll il-prinċipji li jirregolaw l-evalwazzjoni tas-saħħa probatorja tal-provi kif ukoll il-livell ta' prova meħtieġ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2022, Vinařství U Kapličky, C-86/20, EU:C:2022:320, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata)

67 Konsegwentement, f'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-provi, is-saħħa probatorja tagħhom, kif ukoll il-livell ta' prova meħtieġ, abbażi tad-dritt nazzjonali applikabbli u fl-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

68 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, konformement mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u mal-prinċipju ta' kontradittorju, l-Artikolu 59(3) tar-Regolament Nru 1306/2013 kif ukoll l-Artikolu 41 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014 jipprevedu l-obbligu għall-awtorità kompetenti li tħejji rapporti dwar il-verifiki fuq il-post. B'mod partikolari mill-kliem ta' dan l-Artikolu 41 isegwi li r-rapport ta' verifika għandu jagħti kont bi preċiżjoni tad-diversi elementi tal-verifika, il-benefiċjarju għandu jingħata l-possibbiltà li jiffirma dan ir-rapport matul il-verifika sabiex jiċċertifika l-preżenza tiegħu matul il-verifika u li jżid osservazzjonijiet u għandu jirċievi, jekk jiġu kkonstatati rregolaritajiet, kopja tiegħu. Għalhekk jidher li l-awtorità amministrattiva kompetenti għandha l-provi neċessarji għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-osservanza taż-żewġ kundizzjonijiet negattivi previsti fl-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014.

69 Fir-rigward, sussegwentement, tat-tieni parti tat-tielet domanda, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament delegat, il-benefiċjarju tal-għajnuna għandu l-possibbiltà li jirtira jew li jemenda l-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew it-talba tiegħu għal pagament mingħajr ma jiġu applikati fuqu sanzjonijiet amministrattivi, bil-kundizzjoni li ma jkunx ġie avżat li l-awtorità kompetenti kellha l-intenzjoni twettaq verifika fuq il-post u li huwa ma jkunx diġà ġie informat minn din l-awtorità bil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati fl-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew fit-talba tiegħu għal pagament. Għalhekk, dan l-artikolu jissuġġetta l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi għal żewġ kundizzjonijiet, ifformulati f'termini negattivi, li t-tnejn li huma għandhom jiġu ssodisfatti fil-mument meta l-benefiċjarju jitlob l-emenda jew l-irtirar tal-applikazzjoni tiegħu.

70 Fil-fatt, fid-dawl tal-punti 46 sa 56 ta' din is-sentenza u, b'mod partikolari, tal-punti 48 sa 51 tagħha dwar il-loġika li fuqha huwa bbażat dan l-Artikolu 15, jekk l-ewwel waħda miż-żewġ kundizzjonijiet negattivi ma tkunx issodisfatta, jiġifieri fil-każ fejn il-benefiċjarju jkun ġie informat bl-intenzjoni tal-awtorità kompetenti li twettaq verifika, huwa ma jkunx jista' jaqa' taħt l-eċċezzjoni għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi.

71 Minn dan jirriżulta li, sakemm il-benefiċjarju ma jkunx ġie avżat bl-intenzjoni tal-awtorità kompetenti li twettaq verifika fuq il-post u sakemm, wara verifika fuq il-post, huwa ma jkunx irċieva informazzjoni mingħand din l-awtorità dwar każ ta' nuqqas ta' konformità kkonstatat fl-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew fit-talba tiegħu għal pagament, xejn ma jipprekludih milli jikkomunika bil-miktub lill-imsemmija awtorità l-emendi li għandhom isiru fl-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew fit-talba tiegħu għal pagament, konformement mal-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, u dan mingħajr ma jkun suġġett għal sanzjonijiet amministrattivi.

72 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 għandu jiġi interpretat fis-sens li, minn naħa, l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi fil-każ ta' applikazzjoni għal għajnuna jew ta' talba għal pagament żbaljata teħtieġ li l-awtorità nazzjonali kompetenti turi li ż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fiha ma humiex issodisfatti, u dan fl-osservanza, bla ħsara għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, tal-modalitajiet ta' produzzjoni tal-provi, tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tal-provi jew ukoll tal-prinċipji li jirregolaw l-evalwazzjoni tas-saħħa probatorja tal-provi kif ukoll il-livell ta' prova meħtieġ stabbiliti mid-dritt nazzjonali u, min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni tippermetti lil benefiċjarju jemenda jew jirtira l-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew it-talba tiegħu għal pagament sakemm ma jkunx ġie informat li l-awtorità kompetenti wettqet verifika jew ikkonstatat każ ta' nuqqas ta' konformità fl-applikazzjoni tiegħu.

Fuq ir-raba' domanda

73 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, minn naħa, dispożizzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-applikant għal appoġġ ma jistax jirtira l-applikazzjoni tiegħu meta jkun ġie informat dwar sovvrappożizzjonijiet ikkonstatati bejn il-biċċiet ta' art imsemmija fl-applikazzjoni jew meta jkun ġie informat li ntgħażel għal verifika fuq il-post jew inkella meta kien is-suġġett ta' verifika fuq il-post u jkun ġie informat b'nuqqasijiet ta' konformità kkonstatati fir-rigward tal-erjas u/jew tal-annimali kkonċernati mill-applikazzjoni u, min-naħa l-oħra, prassi tal-awtorità nazzjonali kompetenti li permezz tagħha l-benefiċjarju tal-għajnuna ma jiġix informat bil-verifika fuq il-post u lanqas bir-riżultat ta' din il-verifika.

74 Fir-rigward tal-ewwel parti tar-raba' domanda, li tirrigwarda l-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-ipoteżijiet previsti mid-dritt nazzjonali li fihom l-irtirar tal-applikazzjoni għal għajnuna jew tat-talba għal pagament huwa awtorizzat, mid-deċiżjoni tar-rinviju jsegwi li l-Artikolu 14(6) tad-Digriet Nru 5 jipprovdi li l-applikant għal appoġġ ma jistax jirtira l-applikazzjoni tiegħu jew skema jew miżura waħda jew diversi msemmija fiha meta jkun ġie informat li l-biċċiet ta' art imsemmija fl-applikazzjoni għal għajnuna kienu jikkoinċidu jew bil-fatt li jkun intgħażel għal verifika fuq il-post, jew ukoll meta kien is-suġġett ta' verifika fuq il-post u jkun ġie informat b'każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati li jikkonċernaw l-erjas u/jew l-annimali.

75 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 69 sa 72 ta' din is-sentenza, il-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali teħtieġ li t-tliet sitwazzjonijiet imsemmija minnha, li ma jippermettux lill-applikant għal għajnuna jirtira l-applikazzjoni tiegħu, jikkorrispondu għar-rekwiżiti tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014.

76 Fir-rigward tal-ewwel sitwazzjoni li jirreferi għaliha d-dritt Bulgaru, jiġifieri li l-applikant għal għajnuna jista' jirtira l-applikazzjoni tiegħu jekk ma jkunx ġie informat b'sovrappożizzjonijiet ikkonstatati fl-applikazzjoni għal għajnuna fir-rigward tal-biċċiet ta' art imsemmija f'din l-applikazzjoni, għandu jiġi kkonstatat, fid-dawl tal-għan imfittex mill-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 kif imsemmi fil-punt 51 ta' din is-sentenza, li din is-sitwazzjoni tikkonċerna każijiet ta' nuqqas ta' konformità li huma koperti mit-tieni kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, jiġifieri li l-applikant għal għajnuna ma kienx diġà ġie informat mill-awtorità kompetenti bil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati fl-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna, liema kundizzjoni tikkonċerna kull każ ta' nuqqas ta' konformità, mingħajr distinzjoni.

77 Fir-rigward tat-tieni sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(6) tad-Digriet Nru 5, jiġifieri dik li fiha l-applikant għall-għajnuna ma jkunx ġie informat li ntgħażel għal verifika fuq il-post, din hija konformi mal-ewwel kundizzjoni prevista fl-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, jiġifieri li l-applikant għal għajnuna ma ġiex avżat li l-awtorità kompetenti kellha l-intenzjoni twettaq verifika fuq il-post.

78 Għalkemm l-ewwel żewġ sitwazzjonijiet previsti fl-Artikolu 14(6) tad-Digriet Nru 5 jidhru li huma konformi mat-test u mal-għan tal-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, dan ma japplikax għat-tielet sitwazzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni nazzjonali, li tidher li tiddevja mit-tieni kundizzjoni prevista fl-imsemmi Artikolu 15.

79 Dan huwa l-każ sa fejn it-tielet sitwazzjoni prevista fl-Artikolu 14(6) tad-Digriet Nru 5 tidher li tista' tiġi interpretata, aspett li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, fis-sens li korrezzjonijiet tal-applikazzjoni għal għajnuna jkunu awtorizzati fil-każ fejn l-amministrazzjoni tikkonstata nuqqasijiet ta' konformità, fis-sens tal-punt 2(a) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, bil-kundizzjoni madankollu li din il-konstatazzjoni ma tirriżultax minn verifika fuq il-post, jew fil-każ fejn, wara verifiki fuq il-post, l-applikant għal għajnuna jiġi informat b'nuqqasijiet ta' konformità tal-applikazzjoni tiegħu li ma humiex marbuta mas-superfiċi u/jew mal-annimali.

80 Issa, għandu jitfakkar li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma hijiex ċara u preċiża biżżejjed sabiex tiżgura applikazzjoni kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni meta din il-leġiżlazzjoni tista' tkun is-suġġett ta' interpretazzjonijiet diverġenti li wħud minnhom iwasslu għal applikazzjoni tal-imsemmija leġiżlazzjoni kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u l-oħrajn iwasslu għal applikazzjoni inkompatibbli miegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja(Sistema dixxiplinari tal-Imħallfin), C-791/19, EU:C:2021:596, punt 153 u l-ġurisprudenza ċċitata).

81 Fir-rigward tat-tieni parti tar-raba' domanda, li tirrigwarda l-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' prassi tal-awtorità nazzjonali kompetenti li permezz tagħha l-benefiċjarju tal-għajnuna ma huwiex informat bil-verifika fuq il-post u lanqas bir-riżultat ta' din il-verifika, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li, anki jekk, skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014, l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti ma għandhom ebda obbligu li jħabbru l-verifiki fuq il-post, huma, min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 41 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014, obbligati jipprovdu lill-benefiċjarju kopja tar-rapport ta' verifika fil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati.

82 Konsegwentement, prassi tal-awtorità nazzjonali kompetenti li permezz tagħha l-benefiċjarju ma jiġix informat bir-riżultat tal-verifika fuq il-post fil-każijiet fejn nuqqas ta' konformità jkun ġie kkonstatat tmur kontra l-imsemmi Artikolu 41(2) kif ukoll kontra l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

83 Fit-tieni lok, tali prassi tista' tikkomprometti l-għan imfittex mill-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, li jikkonsisti f'li tiġi nkoraġġuta s-sinjalizzazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' applikazzjonijiet għal għajnuna jew ta' talbiet għal pagament żbaljati għall-finijiet tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Fil-fatt, bħalma tosserva l-Kummissjoni, prassi ġeneralizzata li tikkonsisti f'li ma jitħabbarx ir-riżultat tal-verifika fuq il-post fil-każ ta' konstatazzjoni ta' każ ta' nuqqas ta' konformità żżid il-possibbiltà għall-benefiċjarji li jwettqu emendi *a posteriori*, mingħajr ma jiġu applikati sanzjonijiet amministrattivi fuqhom.

84 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, minn naħa, dispożizzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-applikant għal appoġġ ma jistax jirtira l-applikazzjoni tiegħu meta kien is-suġġett ta' verifika fuq il-post u jkun ġie informat b'nuqqasijiet ta' konformità kkonstatati, limitati għall-erjas u/jew għall-annimali kkonċernati mill-applikazzjoni biss u, min-naħa l-oħra, prassi tal-awtorità nazzjonali kompetenti li permezz tagħha l-benefiċjarju tal-għajnuna ma jiġix informat bil-verifika fuq il-post u lanqas bir-riżultat ta' din il-verifika.

Fuq il-ħames domanda

85 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk it-tielet sentenza tal-Artikolu 49(1) tal-Karta hijiex applikabbli għal sanzjoni bħal dik imposta fuq bidwi skont l-Artikolu 19a tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, f'sitwazzjoni li fiha din id-dispożizzjoni tal-aħħar kienet fis-seħħ fid-data li fiha tressqet it-talba għal appoġġ kif ukoll fid-data li fiha ġiet imposta l-imsemmija sanzjoni, iżda li, fid-data tal-eżami tar-rikors ippreżentat kontra l-istess sanzjoni, tħassret mill-verżjoni kkonsolidata tal-imsemmi regolament delegat, li, minkejja li tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023, għadu japplika għat-talbiet imressqa qabel din id-data konformement mal-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat 2022/1172.

86 F'dan ir-rigward, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija l-qorti nazzjonali biss, li hija adita bit-tilwima u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li għandha tevalwa, fid-dawl tal-karatteristiċi tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni (sentenza tas-17 ta' Ottubru 2024, FA.RO. di YK & C., C-16/23, EU:C:2024:886, punt 33).

87 Minn dan isegwi li d-domandi li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni ta' regola tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda konnessjoni mal-fatti jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li sarulha (sentenza tas-17 ta' Ottubru 2024, FA.RO. di YK & C., C-16/23, EU:C:2024:886, punt 34).

88 Qabelxejn, għandu jitfakkar li f'dan il-każ, ir-Regolament Delegat 2022/1172 ħassar ir-Regolament Delegat Nru 640/2014 u li mill-Artikolu 13 ta' dan l-ewwel regolament delegat isegwi li dan it-tieni regolament delegat ikompli japplika għall-applikazzjonijiet għal għajnuna relatati ma' pagamenti diretti ppreżentati qabel l-1 ta' Jannar 2023. Minn dan isegwi li, peress li l-applikazzjoni għal għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet ippreżentata fl-2019, l-Artikolu 19a tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jibqa' japplika *ratione temporis* għat-tilwima fil-kawża prinċipali, minkejja li dan ir-regolament tal-aħħar tħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023. Iċ-ċirkustanza li s-sanzjoni ġiet imposta wara t-tħassir tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 huwa irrilevanti f'dan ir-rigward.

89 Sussegwentement, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 19a kien għadu jagħmel parti kemm mill-verżjoni tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 applikabbli *ratione temporis* għat-tilwima fil-kawża prinċipali kif ukoll mill-aħħar verżjoni kkonsolidata tal-imsemmi regolament qabel it-tħassir tiegħu.

90 F'dawn iċ-ċirkustanzi, inkwantu hija bbażata fuq premessa żbaljata, il-ħames domanda tqajjem problema ta' natura ipotetika, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 87 ta' din is-sentenza, u għandha, għaldaqstant, tiġi ddikjarata inammissibbli (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Jannar 2025, Stangalov, C-644/23, EU:C:2025:16, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

Fuq l-ispejjeż

91 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità, kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1393 tal-4 ta' Mejju 2016,**

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq l-applikant għal għajnuna l-obbligu li jinforma lill-awtorità nazzjonali kompetenti bi kwalunkwe żball jew modifika tal-applikazzjoni għal għajnuna jew tat-talba għal pagament biss permezz ta' pjattaforma tal-informatika ddedikata, sakemm l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkwistjoni u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali, jiġu osservati.

2) **L-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, kif emendat bir-Regolament Delegat 2016/1393,**

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

minn naħa, l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi fil-każ ta' applikazzjoni għal għajnuna jew ta' talba għal pagament żbaljata teħtieġ li l-awtorità nazzjonali kompetenti turi li ż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fiha ma humiex issodisfatti, u dan fl-osservanza, bla ħsara għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, tal-modalitajiet ta' produzzjoni tal-provi, tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tal-provi jew ukoll tal-prinċipji li jirregolaw l-evalwazzjoni tas-saħħa probatorja tal-provi kif ukoll il-livell ta' prova meħtieġ stabbiliti mid-dritt nazzjonali u, min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni tippermetti lil benefiċjarju jemenda jew jirtira l-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna jew it-talba tiegħu għal pagament sakemm ma jkunx ġie informat li l-awtorità kompetenti wettqet verifika jew ikkonstatat każ ta' nuqqas ta' konformità fl-applikazzjoni tiegħu.

3) **L-Artikolu 15(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, kif emendat bir-Regolament Delegat 2016/1393,**

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jipprekludi, minn naħa, dispożizzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-applikant għal appoġġ ma jistax jirtira l-applikazzjoni tiegħu meta kien is-suġġett ta' verifika fuq il-post u jkun ġie informat b'nuqqasijiet ta' konformità kkonstatati, limitati għall-erjas u/jew għall-annimali kkonċernati mill-applikazzjoni biss u, min-naħa l-oħra, prassi tal-awtorità nazzjonali kompetenti li permezz tagħha l-benefiċjarju tal-għajnuna ma jiġix informat bil-verifika fuq il-post u lanqas bir-riżultat ta' din il-verifika.

Firem